MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 1243/1992/1

**Henry Spiteri.**

**vs.**

**Carmen Spiteri.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 21 ta' Dicembru 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi u ngurji gravi da parti tal-konvenuta;

Illi l-attur gie debitament awtorizzat illi jipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti mis-

Sekond'Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Ottubru 1992 (Dok. "A").

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

2. Tawtorizza lill-attur illi jghix separatament mill-konvenuta martu.

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, Stephen u Mariella, ahwa Spiteri, tigi fdata lill-attur salv l-access tal-konvenuta fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti.

4. Tapplika, interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikoli 48, 49 u 51 tal-Kodici Civili (Kap 23)** kontra l-konvenuta.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu assenjati lill-attur *in toto* f'kaz illi jirrizulta illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha ghal sehem mill-komunjoni jew altrimenti tordna illi l-istess oggetti maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, *occorrendo* ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur il-beni kollha parafernali ossija partikolari tieghu b'mod partikolari, id-dar tar-residenza gja d-dar konjugali, gewwa 227, Bruka Street, Santa Lucia, propjeta` partikolari ta' l-attur u okkupata prezentement mill-konvenuta.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenuta illi hi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 22 ta' Jannar 2003 a fol. 27 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan *stante* li kien l-attur li effettivament ta lok ghat-tkissir taz-zwieg minhabba l-agir irresponsabbli u vjolenti fil-konfront ta' l-eccipjenti.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni taghha a fol.27 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale tas-26 ta' Jannar 1993; tal-5 ta' Frar 1993; tat-2 ta' April 1993 u tat-8 ta' Gunju 1993;

Rat in-nota ta' Henry Spiteri li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu datat 8 ta' Gunju 1993 mid-dokumenti mieghu minn fol. 34 sa fol. 200 tal-process!

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale tat-2 ta' Lulju 1993 fejn il-partijiet qablu li l-provi li jingabru f'din il-kawza jkunu applikabbli u jaghmlu stat ghal kawza Cit. Nru: 1263/92 fl-ismijiet inversi;

Rat in-nota ta' l-attur datata 15 ta' Ottubru 1993 fejn esebixxa xi dokumenti.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta tat-3 ta' Novembru 1993;

Rat in-nota tal-konvenuta li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha a fol. 208 sa fol. 263 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduti quddiem din il-Qorti presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale tat-18 ta' Frar 1994; tad-29 ta' April 1994 fejn xehed minn jeddu l-attur; tas-27 ta' Mejju 1994; tat-30 ta' Gunju 1994 fejn giet

nominata bhala Perit Legali Dr Irene Bonello; tat-23 ta' Novembru 1994; ta' l-14 ta' Frar 1995; tat-3 ta' Mejju 1995; tat-30 ta' Mejju 1995; tal-31 ta' Ottubru 1995; tal-31 ta' Jannar 1995; tas-27 ta' Frar 1995; tas-27 ta' Marzu 1996; tat-28 ta' Mejju 1996; tat-23 ta' Ottubru 1996; tal-20 ta' Novembru 1996; tad-9 ta' April 1997 fejn Xehed Fr. Joseph Brincat; tas-7 ta' Mejju 1997 fejn xehed Epifanio Aquilina. Il-konvenuta ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi; tat-18 ta' Gunju 1997; tat-8 ta' Ottubru 1997; tat-12 ta' Novembru 1997; ta' l-10 ta' Dicembru 1997; tat-18 ta' Marzu 1998; tad-29 ta' April 1998; ta' l-20 ta' Mejju 1998;

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 4 ta' Lulju 1997 fejn talab il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Lulju 1997 fejn il-Qorti astjenite mill-tiehu konjizzjoni tar-rikors;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali pprezentata fit-22 ta' April 1998.

Rat il-verbal tas-seduta fejn il-Perit Legali kkonfermat ir-relazzjoni;

Rat il-verbal tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale tal-21 ta' Ottubru 1998; ta' l-4 ta' Novembru 1998; tal-11 ta' Dicembru 1998; ta' l-24 ta' Frar 1999; ta' l-24 ta' Marzu 1999; tal-21 ta' April 1999; ta' l-1 ta' Gunju 1999; tat-30 ta' Gunju 1999; tas-6 ta' Ottubru 1999; tad-19 ta' Novembru 1999; ta' l-14 ta' Jannar 2000; tas-16 ta' Frar 2000; ta' l-1 ta' Marzu 2000; tat-3 ta' Mejju 2000; tat-30 ta' Gunju 2000; tal-11 ta' Ottubru 2000; tal-10 ta' Novembru 2000; tas-7 ta' Dicembru 2000; ta' l-24 ta' Jannar 2001 fejn Dr Bonello kkonfermat ir-rapport bil-gurament taghha; tas-7 ta' Marzu 2001; tas-16 ta' Mejju 2001 fejn gie nominat il-Perit David Pace ghall-istima opportuna; tas-17 ta' Ottubru 2001; tal-5 ta' Dicembru 2001; tas-16 ta' Jannar 2002 fejn l-espert tekniku kkonferma r-relazzjoni bil-gurament; ta' l-1 ta' Marzu 2002; tat-8 ta' Mejju 2002; ta' l-14 ta' Gunju 2002;

Rat in-nota ta’ Henry Spiteri li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta’ Carmelo Scicluna Bonnici;

Rat il-verbal tas-seduti quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta tad-9 ta’ Ottubru 2002; tal-15 ta’ Ottubru 2002 fejn xehed Carmelo Scicluna Bonnici;

Rat in-nota ta’ oservazzjonijiet ta’ Carmen Spiteri datata 3 ta’ Dicembru 2002;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2002; tal-21 ta’ Jannar 2003;

Rat in-nota resposiva ta’ Henry Spiteri datata 29 ta’ Jannar 2003;

Rat il-verbal tas-seduta tal-Qorti diversament presjeduta tal-11 ta’ Frar 2003;

Rat li fil-25 ta’ April 2003 din il-kawza giet differita ghas-27 ta’ Mejju 2003 quddiem din il-Qorti hekk kif attwalment presjeduta;

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti tas-27 ta’ Mejju 2003 kif attwalment presjeduta fejn jirrizulta li kienet f’din is-seduta li din il-kawza nstemghet quddiem din il-Qorti hekk kif attwalment kostitwita, fejn appuntu, din il-Qorti kif presjeduta, nnotat li din il-kawza dehret illum quddiemha l-ewwel darba u l-process jikkonsisti b’594 pagni. Dr. Mark Attard Montalto indika lill-Qorti li din il-kawza kienet ghas-sentenza quddiem din il-Qorti kif kienet diversament kostitwieta u fil-fatt mill-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2002 jirrizulta li din il-kawza kienet giet differita ghas-sentenza ghall-21 ta’ Jannar 2003 (fol. 588). Intant il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Marzu 2004.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni fejn l-attur qed jallega li l-hajja mizzewga ma hijiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi u ngurji gravi *da parte* tal-konvenuta fil-konfront tieghu.

Illi l-konvenuta minn-naha taghha tallega li t-tkissir taz-zwieg kien kawzat mill-agir irresponsabbli u vjolenti minn-naha ta’ l-attur fil-konfront taghha.

Illi jigi rilevat illi l-provi li ngabru f’din il-kawza jghoddu wkoll ghall-kawza fl-ismijiet inversi b’Citazzjoni Numru 1263/92/RCP li se tigi deciza llum ukoll u l-Qorti tikkonferma d-digrieti kollha f’dan is-sens u wkoll li l-provi f’din il-kawza ghandhom *vici versa* jaghmu stat fi-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi hawn imsemmija.

### (I) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attur** xehed li huwa u l-mara ltaqghu ghall-habta tal-Milied 1972. Huma zzewwgu fil-5 ta’ Awissu 1980. Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal: Steve u Mariella. Huwa allega diversi affarijiet dwar martu: adulterju u aggressivita’ kemm mieghu u kemm mat-tfal.

Illi rigward l-adulterju, huwa xehed li sa minn qabel ma ltaqa’ maghha qal li filwaqt li kienet tohrog ma’ xi hadd fl-istess hin tohrog m’iehor. Huwa sostna li l-inkwiet taghhom beda wara t-twelid tat-tifla. Huwa qal li t-tifel li dak iz-zmien kellu erba’ snin qallu li ra lil ommu tirkeb f’minibus mit-triq ta’ warajhom, pero’ lilu kienet qaltlu li kienet se tohrog ma’ habiba taghha.

Illi wara dan, huwa semma diversi rgiel li hija kellha kunfidenzi maghhom u li nsinwa li seta’ kellha relazzjoni maghhom. Semma wkoll incident meta sab lil martu bid-deni wara li hu kien erbgha u ghoxrin (24) siegha ghassa u qaltlu biex icempel lit-Tabib li kien mar jaraha bil-lejl. Meta cempillu, ghall-bidu, ma riedx imur ghax qallu li hi *“ardita u kiesha ghax hu avzaha li jekk ma tiehux l-injenction se jitlalha hafna deni”* u qallu wkoll *“li anki l-*

*kugin tieghi, ta' xaghru nokkli li kien maghha, beda jipprova jikkonvinciha tobdi".* Meta kellem lil martu fuq hekk hi qaltlu li t-Tabib seta' tfixkel. Wara ftit mar it-Tabib u qabel ma hareg talbu erbgha mitt Lira Maltija (Lm400) ghax qallu li bil-lejl lil Carmen ghamlilha *abortion* u li veru kellha wiehed bin-nokkli hdejha. Qallu wkoll biex jehodha f'xi klinika privata ghal raxkament li swietu mija u hamsin Lira Maltija (Lm150) ohra. Il-Professur kien qallu biex ihalli erbghin (40) gurnata qabel ma jkollhom relazzjonijiet sesswali. Izda xi hmistax wara mar ghal gharrieda d-dar u sab lil martu u lil certu Geoffrey gharwenin gol-banju. Dakinhar inqala' hafna nkwiet u martu marret tghix ghal gimgha ghand is-sorijiet f'Hal Balzan. Pero' huwa hafrilha u regghu rrangaw.
Illi huwa qal li martu ghamlet ftit xhur kwieta imbaghad regghet bdiet tqum fuq taghha. Allega swat fuq it-tifel. Huwa qal ukoll li t-Tabib li ghamlilha c-certifikati dwar swat, Dr. Mario Rizzo Naudi, qatt ma hadilha flus u kull argument li kien ikollhom huwa kien johrogilha certifikat fuq swat meta dan ma kienx minnu. Hija bdiet infatti theddu b'hekk. Huwa qal li l-argumenti bdew jinqalghu ghax hi bdiet issiefer darbtejn f'sena – fis-Sajf u fi zmien il-Milied. Hija kienet issiefer wahedha w ma kenitx tghidlu fejn kienet se tkun qed torqod.

Illi kif bdiet tahdem fl-1989 xtrat karozza u gieli kienet tohrog wahedha u kienet tippretendi li ssib l-ikel lest u l-facendi lesti u dejjem kienu jiggieldu. Illi bhala xoghol apparti *nurse* il-*"Guardian Angel"* hija kienet taghmel it-transport bhala *guardian* ghat-tfal handikappati u tithallas *extra*. Sussegwentement hija marret tahdem il-Furjana ma' certu Mr. King li rrangalha biex tibda tiehu l-flus tal-*petrol* peress li hi kienet iddur l-iskejjel u tmur l-isptar mat-tfal. Huwa kien anke rrangalha biex tmur bhala *nurse* meta sar *tournament* ghal nies bi bzonnijiet specjali meta mhux suppost marret hi. Damet hamest ijiem u kienet torqod hemmhekk.

Illi wara li giet minn dan it-*tournament* bdiet tircievi ittri minn Jersey u nfatti huwa esebixxa diversi minnhom. Hija mbaghad telqet ghal tlett ijiem pero` regghu rrangaw. Fl-10 ta' Gunju hija siefret u giet fil-15 ta' Gunju ma' John. Fl-

Imnarja argumentaw u xehed li martu Carmen allegatament tatu daqqa ta' njama f'ghajnejh u erbat ijiem wara kellu jaghmel operazzjoni fir-retina. Huwa qal li ghadu sa llum ma jarax sew u ser ikollu jaghmel operazzjonijiet ohra.

Illi fit-22 ta' Awissu hija regghet siefret l-Ingilterra u huwa sabilha l-ittri u ritratti li esebixxa flimkien mac-certifikati medici u rapporti. Meta cemplitlu huwa ffaccaha bihom, hija giet bla mistenni, marret l-Ghassa u rrappurtat li kienet qed tibza' tmur id-dar ghax se joqtolha. B'hekk cempillu l-Pulizija fis-siegha ta' bil-lejl, kellu jmur l-Ghassa u gie nfurmat li jkun ahjar jekk ma jersaqx lejn id-dar u b'hekk qatta' lejl fuq bank.

Illi fuq parir ta' Avukat issuggerixxa biex imur id-dar. Huwa hekk ghamel u ma bdewx jitkellmu. Meta rceviet l-ittra biex titla' l-Qorti fuq separazzjoni fil-11 ta' Settembru qamet mal-lejl u kissritlu n-nuccali u bdiet theddu li jekk nikxef lil min kien poggut maghha dan joqtlu ghax ghandu hafna poter. Huwa ghamel rapport l-Ghassa u raqad jumejn barra. Imbaghad raqad xi gimgha l-Belt pero' bil-lejl kienet tmur ma' rgiel ohra tittantah. Kemm dam il-Belt sgassawlu l-bieb u serqulu l-hwejjeg kollha inxtara, serqulu l-*battery* gdida mill-van, il-*log book* u d-*driving licence* u qacctulu l-wires tad-dawl. Illi imbaghad mar ghix go *hostel* tas-*Social Service* go Birkirkara pero' wara tlett xhur riedu jkeccuh izda wara li huwa spjega d-diffikulatijiet finanzjarji tieghu lill-Patri nkarigat dan qallu biex jibqa' jghix hemm.

Illi huwa esebixxa ittri ta' Frank, ragel iehor li allegatament il-konvenuta kellha relazzjoni mieghu, flimkien ma' ritratti titbewwes ma' dan ir-ragel. Hija kienet taghmillu rapporti li kienet thossha mheddha minnu u li kien isawwatha.

Illi meta huwa telaq mid-dar mar jivverifika mat-Telemalta u talabhom lista tat-telefonati li saru mid-dar tieghu. Huwa sab in-numru tat-*telephone* tal-hanut u tad-dar ta' John, tat-*telecell* ta' Frankie u ta' Dr Rizzo Naudi.

Illi huwa xehed li mhux minnu li martu hadmet f'kollox fix-xoghol tal-bini. Hija ghamlet parti mill-madum ghax kellhom il-forom. Missierha kull ma mar darbtejn u kien hallsu. Huwa sostna li sa fejn jaf hu martu ma nefqitx flus fil-bini. Kollox hallas huwa, nkluz lill-habib li kien imur jghinu.

Illi in kontro-ezami huwa cahad li ghandu l-vizzju tal-loghob. Huwa qal li meta beda d-dar fl-1976 kellu xi elfejn Lira Maltija (Lm2,000) paga fis-sena u fl-1980 kellu xi tlett elef Lira Maltija (Lm3,000) fis-sena. Bejn wiehed u iehor id-dar swietlu bejn erbat elef Lira Maltija (Lm4,000) u hamest elef Lira Maltija (Lm5,000).

Illi fl-affidavit taghha **Carmen Spiteri**, fost affarijiet ohra, xehdet li huma kienu xtraw plot Haz-Zebbug, suppost nofs b'nofs imma harget kollox hi, u baqa' ma tahomlix. Wara li hammlu l-plot Henry iggieled mas-sid u tilef it-tlett mitt Lira Maltija (Lm300). Imbaghad applikaw ghall-plot tal-Gvern u hadu Sta. Lucia fejn hija d-dar matrimonjali. Mill-paga ta' SRN hija kienet tfaddal u tonfoq ghall-post. L-ispejjez tad-dar sostniet li ghamlithom kollha hi. Hija anke fil-bini hadmet.

Illi kif hadu l-plot ir-ragel xtara karozza u beda jhallasha bin-nifs. Kien ipejjep hafna u kien jaghti xi flus lil missieru. B'hekk ma kienx johrog flus ghall-post. Hija kienet tghidlu izda huwa kien jirrifjuta u jghidilha biex titlob lill-genituri taghha ghax il-bini tad-dar kien parti mid-dota. Kien imur habib tieghu iqieghed il-gebel u kienet thallsu hi. Imbaghad xtara karozza ohra u magna tal-mastrudaxxa.

Illi kif lestew id-dar u qorbu ghad-data taz-zwieg il-genituri u hija riedu jaghmlu l-kitba taz-zwieg peress li l-ispejjez tad-dar ghamluhom kollha huma. Izda hu tfantas u qal li jekk taghmel hekk ihassar l-gherusija. B'hekk ma sar xejn u baqghu ghaddejjin sakemm izzewwgu.

Illi hija xehdet li l-vetturi li zewgha kellu dejjem bl-ispejjez u dan minhabba traskuragni kbira minn naha tieghu. Sahansitra kien jaqla' hafna citazzjonijiet ghal diversi kontravvenzjonijiet li kien jaghmel. Illi rigward xogholu

zewgha huwa suldat fil-Forzi Armati. Illi hija qalet li huwa jkollu hafna nkwiet fuq ix-xoghol fosthom *charges* fuq skartar, *sick leave* bla bzonn u dizubbidjenza. Fl-1990 ha penz u tilfu wara erbgha u ghoxrin (24) siegha fuq *grounds* li kien *deserter*. Fl-1988 mar jahdem il-Parlament u mill-barracks ta' Hal Luqa mar il-Maritime. Anke hemmhekk mill-ewwel beda bl-inkwiet u kien ihallas xi flus biex ma jidholx xoghol.

Illi rigward flus ma kienx jaghtiha hlief xi kultant xi haga zghira. Provvisti ta' l-ikel kien jixtri hu u meta kienu jispiccaw kien jibghatha titlob ghand ommha tant li din imbaghad saret haga regolari.  Hija sostniet li huwa kien jinkorri f'diversi djun u n-nies kienu jmorru jfittxuh id-dar. Id-dejn li ha mill-bank biex jixtri van Transit u makkinarju ghall-*poultry farm* ukoll uzahom ghall-bzonnijiet personali tieghu.  Illi b'konsegwenza ta' nuqqas ta' flus f'idejha hija harget tahdem biex tkun tista' teduka lit-tfal sew u ma jkun jonqoshom xejn.

Illi qabel iz-zwieg hija hadmet sitt snin ta' SRN.  Wara z-zwieg baqghet id-dar tiehu hsieb lill-familja u tghin lil zewgha fil-progetti tieghu.  Hija imbaghad dahlet *casual* SRN fl-iskejjel specjali ma' l-*Education Department*. Hija kienet tiehu hsieb lit-tfal handikappati u peress li kienet tithallas bis-siegha bdiet ukoll tahdem it-transport u l-*break*  biex tavvanza fil-paga.  Sentejn wara li bdiet tahdem xtrat karozza biex tkun tista' tohrog mat-tfal. Illi hija qalet li ghalkemm zewgha kien ikun id-dar meta hi kienet xoghol huwa ma kienx jaghmel xoghol tad-dar u lit-tfal ma kienx jiehu hsiebhom sew. Fis-sena 1991 applikat ghal *full-time* fl-isess xoghol izda ma dahlitx. Wara giet trasferita ma' l-*Action Research Project Team* u bdiet tahdem billi tattendi konferenzi fuq it-tfal *handicapped* u torganizza *special clinics* fl-iskejjel; kif ukoll bdiet tiehu hsieb l-appuntamenti ta' l-isptar li jkollhom u tmur maghhom flimkien mal-genituri.

Illi dwar l-ewwel snin taz-zwieg hija xehdet li sa mill-ewwel granet huwa kien vjolenti maghha ghall-ebda raguni. Kien jinsultaha u jheddidha. Kien izomm ruhu mahmug u zdingat.  Meta zzewwgu fl-1980 huwa kien jizen *twelve*

(12) *stones* u f'sentejn gie jizen *twenty-two* (22) stones. Kien jiekol mhux biss l-ikel teghu izda dak taghha u tat-tfal. Anke l-flus kien imissilhom.

Illi qabel iz-zwieg xtara magna tal-mastrudaxxa izda ma tantx uzaha ghall-bzonnijiet tad-dar. Ghalkemm bnew garaxx bil-hsieb li jaghmel fih xi xoghol barrani, l-ghamara li kellu jaghmel ma saritx u d-dizordni kienet u zdiedet.

Illi huma ma tantx kienu johorgu bhala familja. Kien jiddominaha f'kollox ghal dak li fejn tmur u ghall-hbiberiji. Hija ssostni li huwa qatt ma kien jirrispettaha u kienet nieqsa mid-drittijiet kollha li ghandu jkollha kull mara tal-familja. Sahansita lanqas cavetta tal-bieb ta' barra ma kien ihalli. Hija lanqas setghet tesprimi lilha nnifisha mieghu ghax kien iwaqqaghha ghac-cajt.

Illi zewgha kellu problemi ta' *asthma* pero' xorta kien ipejjep. Huwa kien bniedem ibaghti bil-burdati u gieli kien ikun aggressiv. Huwa kien ammetta maghha li minn meta kellu erbatax (14) -il sena u li kien jiehu *valium* tlett darbiet. *Inoltre* huwa dejjem uza lenti hoxna. Din il-kundizzjoni taghmlu suggett ghal *retinal detachment*. Meta marru ghand l-*ophtalmogist* huwa ghamillu certifikat biex jaghmel *light duty* minhabba r-*retina* u li seta' kellu bzonn operazzjoni emergenza f'ghajnejh. Illi hija allegat li kellu problemi mentali fil-familja.

Illi ghar-rigward ghall-ahhar sitt snin taz-zwieg hija sostniet li dan kien karatterizzat minn vjolenza fuqha li kienet tigri wkoll quddiem it-tfal. It-tfal kienu jitwerwru b'dan u dan anki stqarrewh mal-*Clinical Psychologist* li hadithom ghandu minhabba l-konsegwenzi li setghu baqghu fuq it-tfal. Mhux biss imma *nonostante* li kienet targumenta mieghu huwa kien xorta jitkellem oxxen quddiem it-tfal u anke joqghod gharwien quddiemhom.

Illi hija allegat li huwa gieli qabbad it-tfal jisirqu. Beda jaghmel xoghol *part-time* jirranga l-ghamara antika u bdew icemplulu xi nies id-dar fosthom, certa Lorna Falzon, li anke gieli cemplitlu tard filghaxija. Huwa kien johrog wahdu u lil martu gieli kien jghidilha li ahjar li kieku baqa'

guvni, li t-tfal dejquh u li ma ried jahdem ghal hadd. Kien jghidilha biex tiehu lit-tfal u titlaq ghax dejjquh. Ukoll kien izid li kellu min jehodlu hsieb id-dar u jsajjarlu.

Illi bejn l-10 u l-11 ta' Settembru 1992 huwa telaq mid-dar. X'hin marret il-*farm* u bdiet tittawwal mit-twieqi rrealizzat li hu kien battal kollox. Kien ha d-deheb u anke *bearer* li kien fih tminn mitt Lira Maltija (Lm800). Hija ghamlet rapport l-ghassa. B'hekk hija ssostni li huwa kien ilu jippjana biex jitlaq. Wara li telaq hija rrealizzat li zewgha kien jilghab.

Illi rigward it-tfal u t-trobbija taghhom hija sostniet li dejjem hadet hsieb hija ghall-bzonnijiet taghhom u li zewgha kien ihallihom neqsin mill-affarijiet anki dawk bazici. L-istess jinghad ghall-edukazzjoni u sahha taghhom. Rigali qatt ma kien itihom la meta kien id-dar u lanqas wara li telaq.

Illi meta xehdet *viva voce* quddiem il-Perit Legali, Carmen Spiteri spjegat li hija u zewgha kienu applikaw flimkien pero' kienet hi li harget il-flus kollha biex hadu l-post b'cens minghand il-Gvern. Il-post inbena qabel iz-zwieg. Rigward l-ghamara li hemm fid-dar konjugali xehdet li parti minnha dota taghha cjoe`: il-kamra ta' l-ikel; is-salott; zewg gradenzini kbar tal-biskuttini; gradenza ohra li kellha l-wicc ta' l-irham (antika); mera kbira, *gilded,* bi skultura; il-bjankerija kollha; il-fajjenza u dak kollu li jkollok bzonn id-dar inkluzi l-*washing machine, cooker, fridge*, magna tal-hjata; dinner set, vazuni u figurini. Qabel iz-zwieg kienet xtrat ukoll il-linef tal-kristall u l-brazzi. Huwa kellu jaghmel xi ghamara pero' ma spiccax ix-xoghol. Il-*garage* li jinsab taht id-dar inbena matul iz-zwieg.

Illi hija cahdet li qatt sawwtet lit-tifel u lil zewgha. Normalment kienet hi li tmur l-isptar minhabba fih. Illi in kontro-ezami hija qalet li qatt ma kellha relazzjoni ma' xi rgiel ohra. Cahdet li qatt kellha x'taqsam ma' ragel barrani jismu John. Meta murija ittra datata 7 ta' Mejju 1992 u ffirmata minn John, hija qalet li kienet qed taraha l-ewwel darba. Hija qalet li ma telghetx Londra f'Gunju 1992 biex tiltaqa' mieghu. Rigward it-telefonati li jirrizultaw li saru ghal barra minn Malta, hija rrispondiet li t-

telefon id-dar jista' jintuza' minn kulhadd u b'hekk jista' jkun li cempel ir-ragel.

Illi hija giet mistoqsija jekk kellhiex relazzjoni ma' Frank Sammut. Hija cahdet anki meta giet murija r-ritratti esebiti (a fol.162B sa 162F) u qalet li ma tiftakarhomx u lanqas tiftakar li kienet biesitu. Meta murija l-ittri miktuba minn John xehdet li ma tiftakarx li dawn qatt irceviethom. Illi dwar it-telefonati li saru ghal barra minn Malta hija qalet li dawn saru fi granet meta zewgha ma kienx ikun xoghol.

Illi **Father Joseph Brincat,** rapprezentant ta' l-APS Bank Ltd, xehed dwar il-kontijiet li kellha Carmen Scicluna li hija l-istess konvenuta mal-bank imsemmi.

Illi **Epifanio Aquilina**, li jahdem fl-*Estate Management Department*, esebixxa u xehed dwar id-dokumentazzjoni li kellu d-Dipartiment ta' l-Art, rigward il-plot 227 li jirrizulta li huwa l-fond matrimonjali.

Illi **Dr. Mario Rizzo Naudi** xehed li Carmen Spiteri kien ilha snin pazjenta tieghu. Huwa kkuraha diversi drabi kemm ghall-influenza kif ukoll ghal xi tbengil u daqqiet li kienet turi fuq gisimha. Hija kienet tallega li zewgha kien isawwatha u fil-fatt kellha daqqiet u tbengil kbar. F'dawn il-kazijiet dejjem irrilaxxa certifikati medici. Huwa l-aktar li kkura kien lilha u lit-tfal. Ir-ragel peress li jahdem ta' suldat kien imur ghand it-tabib ta' l-armata. Ix-xhud qal li huwa qatt ma tkellem mar-ragel dwar it-tbengil peress li ma riedx jidhol f'affarijiet familjari. Huwa ghadu t-Tabib kuranti taghha u ta' uliedha. Id-daqqiet kienu jkunu fuq sidirha, fuq il-warrani u daharha.

Illi fl-affidavit konguntiv taghhom **Carmelo u Dolores Scicluna,** il-genituri ta' Carmen Spiteri, xehdu li wara li l-partijiet fil-kawza kienu ilhom xi sentejn flimkien xtraw bicca art f'Haz-Zebbug. Il-flus hargithom Carmen. Wara ftit zmien Henry kellu xi jghid ma' sid l-art. Wara hadu *plot* f'Sta Lucia u damu jibnuh seba' snin. Carmen hadmet f'kollox fix-xoghol tal-bini. Missierha xehed li hu kienu imur jahdmilhom f'kull gurnata *off* li kien ikollu. Huma qalu li kull sold li taqla' Carmen kienet tonfqu ghall-bini u tfaddal li

tista'. Huma kienu jghinuha finanzjarjament biex hi bniet il-post. Henry ma kien hareg xejn fi flus biex inbena l-post. Rigward dota xehdu li tawha fi flus disat elef Lira Maltija (Lm9,000), deheb madwar elf Lira Maltija (Lm1,000), bjankerija, fajjenza u ghamara antika. Binthom hadet sitt elef Lira Maltija (Lm6,000) fi flus qabel izzewget.

Illi Henry kien jhedded u jinsulenta lil binthom quddiemhom. Kien jghid li qed jaghmlilha pjacir izommha f'daru u li qed jaghtiha tiekol. Li jghid hu biss kien tajjeb. Huma xehdu li kien isawwatha ghax spiss kienu jaraw it-tbengil. Gieli anke marret ghandhom wara s-swat u gabu Tabib. Dan sehh matul il-perjodu taz-zwieg kollu. Anke t-tfal kienu jkunu mwerwrin. Meta kienu jzommuha maghhom kien jheddidhom li se joqtolhom u li kien se jaghmlilhom bomba mal-bieb.

Illi Carmen kienet titlobhom biex isibu jew jixtru xi hwejjeg ghat-tfal. Huma baqghu jghinuha billi jtuha somom ta' flus, xirjiet ta' l-ikel u bzonnijiet ghad-dar. Huma kienu jaghtuhomlha ghaliha u ghat-tfal.

Illi in kontro-ezami missier Carmen Spiteri qal li ghax-xiri ta' l-art ta' Haz-Zebbug ma jafx ezatt min hareg il-flus pero' hu kien jghinhom finanzjarjament. Il-post ta' Sta Lucia dam biex inbena. Kien bnieh l-attur qabel iz-zwieg. Kien hemm wiehed jghinu u huwa kien imur kultant. Huwa qal li ma jistax jghid jekk l-attur kienx johrog flus imma quddiemu kien jitlobha lit-tifla. It-tieg kienu hadu hsiebu huma u kienu tawha xi affarijiet. Rigward il-flus li kienu tawha xehed li ma jafx kif waslu ghall-figura ta' disat elef Lira Maltija (Lm9,000) u tawha aktar minn hekk. Din is-somma haditha ftit ftit. Dak iz-zmien ma jiftakarx kemm kellu paga. Illi rigward l-aperturi tal-bibien kienet martu li hallset ghalihom fis-sens li hija kienet tat il-flus lil Henry biex jixtri l-injam u huwa hadimhom. L-istess jinghad ghall-irham.

Illi snin wara, **Carmelo Scicluna Bonnici** permezz ta' affidavit, ikkorega x-xhieda tieghu moghtija quddiem il-Perit Legali fejn qal li huwa u martu taw is-somma ta' disat elef Lira Maltija (Lm9,000). Huwa qal li dakinhar xehed

kontra qalbu u dan ghaliex mhedded u sfurzat kemm minn martu, illum mejta, u minn bintu. Huwa qal li qatt ma taha kif ukoll qatt ma ra lil martu jew lil bintu jaghtu s-somma ta' disat elef Lira Maltija (Lm9,000) jew xi somma ohra lil Henry Spiteri.

Illi in kontro-ezami, fost affarijiet ohra, qal li huwa kellu xi jghid ma' bintu u dan ftit zmien wara l-mewt ta'martu. Huwa kkonferma li qal gidba ghax qatt ma kien hemm pagamenti. Ghalkemm huwa konvint li martu kienet ittiha xi flus minn wara daru.

## (II) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi l-kontendenti zzewgu fil-5 ta' Awissu 1980 wara gherusija twila f'liema perjodu huma kienu qed jippreparaw id-dar konjugali. Huma ghandhom zewg itfal li llum il-gurnata huma maggorenni.

Illi l-Perit Legali Dr Irene Bonello kkonkludiet is-segwenti:-

*"3.2 Matul it-tnax-il (12) sena successivi ghaz-zwieg taghhom, il-kontendenti ma kenux qed jikkomunikaw bejniethom, u fil-hajja taghhom kwotidiana kienet karenti l-armonija. Din is-sitwazzjoni difficli zviluppat peress li minflok manifestazzjonijiet ta' imhabba u affett da parti ta' l-attur kien hemm swat u indifferenza fil-konfront tal-konvenuta liema agir ta' l-attur a sua volta ta lok:*

*(a) ghall-antagonizmu dejjem akbar u kontinwu bejn il-kontendenti, haga li tirrizulta ampjament anki mill-mod kif il-kontendenti rakkontaw is-sitwazzjoni konjugali taghhom; u*

(b) *ghan-nuqqas ta' rispett u lealta' reciproka peress li ma jistax jigi eskluz li l-konvenuta kellha hbiberiji ntimi ma' rgiel ohra, filwaqt li l-attur da parti tieghu permezz ta' individwalizmu dikjarat fil-konfront tal-konvenuta specjalment fil-perjodu li preceda t-tluq tieghu mid-dar konjugali, esprima quddiemha x-xewqa tieghu li jkun liberu minnha u mit-tfal u li jaghmel li jrid u qalilha li kien*

*imur ghand l-gharusa u li jekk ried ikollu relazzjoni ma' mara ohra, l-konvenuta ma kellhiex tindahal.*

*3.3. L-attur iddikjara li l-inkwiet ghalih beda wara t-twelid tat-tifla peress li skond huwa kien minn hemm li l-konvenuta bdiet ikollha sensiela ta' hbiberiji ntimi ma' rgiel. Il-konvenuta kkontestat din l-allegazzjoni bil-kliem: "Semma hafna rgiel uhud li kien igib id-dar hu stess… … …", "Permess tax-xoghol tieghi mat-tfal il-handicapped jiena naf u jafuni hafna nies. Izda ma nafhomx kif qed jinsinwa ir-ragel." Pero' ma jistax jigi eskluz li l-konvenuta kellha hbiberiji ntimi ma' rgiel ohra peress li :*

*(a) ma kkontestatx il-fotokopji ta' l-ittri (li jinkludu fotokopja ta' ritratt a fol.145) allegatament mibghuta lilha minn certu John, esebiti mill-attur u mmarkati dokument No.1 a fol.60 sa 147; u a fol.149 sa 157;*

(b) *ma kkontestatx il-fotokopja ta' l-ittra allegatament mibghuta lilha minn certu Frank, esebita mill-attur u mmarkata dokument No.2 a fol. 158 sa 160; u*

(c) *ma kkontestatx ir-ritratti esebiti mill-attur a fol.163 u mmarkat Dok. 4 fejn hamsa (5) minn dawn is-sitt (6) ritratti juru lill-konvenuta u ragel iehor qed jitbewwsu.*

*3.4. Il-konvenuta allegat li l-inkwiet ma' zewgha beda mill-bidu nett taz-zwieg taghhom, peress li huwa ma kienx juri l-ebda rispett lejha tant li kemm-il darba wasal biex juza l-vjolenza fizika fil-konfront taghha.*

*3.5 L-attur da parti tieghu allega li kien huwa li kien qed jigi msawwat mill-konvenuta pero' huwa ma kkoroborax suffiecentement din l-allegazzjoni tieghu li b'hekk tirrizulta mhux issostanzjata. Mentri l-konvenuta permezz ta' l-affidavit tal-genituri taghha pprezentat prova konfermatorja tal-vjolenza fisika u anki psikologika ezercitati kemm fuqha u kif ukoll fuq ulied il-kontendenti mill-attur.*

*3.6 B'hekk jidher li n-nuqqas ta' lealta' da parti tal-konvenuta fil-konfront ta' l-attur, dan kien biss wiehed mis-*

*sintomi ta' l-infelicita' li kienet qed tghix fiha l-konvenuta minhabba l-indifferenza u l-individwalizmu ta' l-attur. F'dan ir-rigward vide l-konsiderazzjoni fil-paragrafu 3.2 supra.*

*3.7 Kien fic-cirkostanzi fuq deskritti li z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabilment u li l-konvivenza taghhom flimkien saret impossibbli. Ghalhekk fil-fehma ta' l-esponenti, in vista tal-konsiderazzjoni premessi, hemm lok ghas-separazzjoni personali tal-kontendenti, pero' mhux ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenuta, izda ghal fuq imsemmija motivi li juru li t-tortijiet ghat-tkissir taz-zwieg in ezami huwa mputabbli ugwalment kemm lill-attur u kif ukoll lill-konvenuta. B'hekk fir-rigward ta' l-ewwel talba ta' l-attur, l-esponenti hi tal-fehma li s-separazzjoni personali f'dan il-kaz ghandha tigi ddikjarata u ppronunzjata in vista tal-fuq indikati tortijiet imputabbli ugwalment kemm lill-attur u kif ukoll lill-konvenuta. Isegwi minn din il-konkluzjoni li t-tieni talba ta' l-attur ghandha tigi milqugha."*

Illi fir-relazzjoni ulterjuri taghha l-Perit Legali kkonkludiet li l-kontenut fil-paragrafu 3.3 jibqghu inalterati *"hlief li mhux ghar-ragunijiet imsemmija fis-sub-paragrafi [a], [b] u [c] ta' l-imsemmi paragrafu 3.3., izda peress li minkejja li l-konvenuta mistoqsija in kontro-ezami dwar il-kontenut ta' uhud mill-ittri u ritratti li jinsabu fil-process (u li kienu gew esebiti mill-attur) cahdet li kellha relazzjonijiet intimi ta' rgiel ohra, tirrizulta evasiva f'certi risposti b'tali mod li jibqghu presenti elementi li jindikaw nuqqas ta' lealta' konjugali fl-agir taghha liema nuqqas jigi kkoroborat mill-evidenza kontenuta fir-ritratti fejn il-konvenuta tidher li qeghda tbus lil certu Frank Sammut mhux bhala semplici habib izda bhala namrat (vide r-ritratti a fol.163 immarkati 162A sa 162F);"*

Illi din il-Qorti taqbel ma' dawn il-konkluzjonijiet li waslet ghalihom il-Perit Legali. Iz-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli tort tat-tnejn li huma. Jidher li ma kien hemm l-ebda djalogu u rispett reciproku f'dan iz-zwieg. L-attur minn naha tieghu kien juza' vjolenza fuq l-attrici u dan anki quddiem it-tfal li b'konsegwenza t'hekk saritilhom il-hsara. Jirrizulta wkoll illi kien hemm problema finanzjarja

ghax ma kienx jaghtiha bizzejjed flus ghall-bzonnijiet ta' kuljum. Illi pero' minn naha taghha l-mara rreagixxiet billi sabet hbiberiji ntimi ma' rgiel ohra. Ir-ragel allega li kien hemm diversi rgiel involuti pero' hafna minnhom l-ebda prova ma giet prodotta biex jissostanzja l-istess allegazzjoni. Illi pero' rnexxielu jipprova li zgur kien hemm relazzjoni ma' zewg irgiel – ma' Frank Sammut (vide ritratti esebiti a fol.163 u msemmija mill-Perit Legali) fejn tidher li qed jitbewwsu bhala namrati; kif ukoll mal-barrani John fejn gew esebiti numru kbir ta' ittri. Mill-qari ta' l-istess ittri ma jhallu l-ebda dubju li l-persuna riferuta bhala Carmen hija l-istess kontendenti fil-kawza odjerna anki jekk hija cahdet dwarhom. Infatti anki t-tfal taghha huma msemmija fl-istess ittri.

Illi din il-Qorti ma' tistax ma tinnotax li l-partijiet ghajjru lil xulxin f'kollox u dan kien *oltre* minn dak necessarju f'din il-kawza ilha pendenti zmien twal; dan fih innifsu huwa bazi ta' ingurja fil-konfront ta' xulxin, ghaliex ghalkemm jidher li l-hajja ta' bejn il-partijiet kienet wahda difficli hafna, certament li l-ebda parti ma' kellha tasal sabiex tuza kull difett fil-persuna l-ohra sabiex litteralment titghajjar bih. Il-Qorti thoss li dan ukoll jindika li l-partijiet lanqas biss minimimament ma rrispettaw id-dinjita' ta' xulxin, u anke f'din il-kawza, apparti li abbuzaw mill-proceduri tal-Qorti, weggghu serjament lil xulxin.

Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha b'dan li s-separazzjoni ta' bejn il-kontendenti ghandha tigi ddikjarata ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet, b'responsabblita' ndaqs ghal kull parti fejn l-konvenuta kienet hatja verso l-attur ta' adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi,filwaqt li l-konvenut kien hati verso l-attrici ta' sevizzi, eccessi, mohqrja u ingurji gravi, inkluz vjolenza domestika, kawza ta' liema z-zwieg bejn il-kontendenti tkissier irremedjabbilment ghar-ragunijiet imputabbli b'mod ugwali liz-zewg partijiet u wkoll minhabba inkompatibbilita' ta' karattru.

Illi t-tieni talba ghandha wkoll tigi milqugha, u fil-fatt il-partijiet ilhom li jghixu separatament minn xulxin.

Illi rigward it-tielet talba attrici din hija sorvolata *stante* li t-tfal tal-kontendenti huma t-tnejn maggorenni u ghalhekk ma tidhol l-ebda kwistjoni ta’ kura u kustodja fil-konfront taghhom.

Illi rigward ir-raba’ talba attrici, din ghandha tigi milqugha bis-sens hawn premess b’dan li peress li t-tortijiet ghas-separazzjoni personali f’dan il-kaz huma ugwalment imputabbli kemm lill-attur u kif ukoll lill-konvenuta, u *in vista* tac-cirkostanzi rizultanti mill-provi prodotti, din il-Qorti tiddeciedi li d-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 (1)** b’applikazzjoni ta’ l-**artikolu 51 tal-Kodici Civili** ghandhom jigu applikati ugwalment u *in toto* fil-konfront taz-zewg kontendenti. Illi d-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 49 tal-Kodici Civili** gew revokati b’effett mill-1 ta’ Dicembru 1993 (u meta giet pprezentata l-kawza kienu applikabbli) ma ghandhomx jigu applikati ghall-kaz in ezami.

Illi rigward il-hames talba attrici cjoe` l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti jinghad li l-Perit Legali kkonkludiet is-segwenti bhala konsistenza tal-mobbli fil-komunjoni ta’ l-akkwisti:-

*“1. Transit Van u karozza Skoda (ma gewx moghtija d-dettalji ghall-identifikazzjoni ta’ dawn il-vetturi), zewg bodies u zewg muturi ta’ Transit Van, dghajsa kbira (ma gewx moghtija d-dettalji ghall-identifikazzjoni tad-dghajsa in kwistjoni), arlogg citizen, apparat tal-farm, gageg, heaters ghat-trobbija tat-tigieg, sufan u mejda (it-tnejn tal-living room), sodod tac-chipboard tal-kamra tat-tfal, main bedroom second hand, salott second hand, ghodda mhux specifikati ghax-xoghol ta’ mastrudaxxa (dawn il-mobbli jirrizultaw mill-analizi ta’ l-affidavits tal-kontendenti u tad-deposizzjonijiet minn jeddha tal-konvenuta).”*

Illi minhabba li l-ebda valur ma nghata sabiex din il-Qorti tkun tista’ taqsam b’mod ekwu allura tiddeciedi li dawn l-affarijiet ghandhom jinbieghu in subbasta u r-rikavat taghhom ghandu jinqasam ugwalment bin-nofs bejn il-kontendenti.

Illi l-Perit Legali semmiet il-valur tal-hames mitt (500) tigiega, moghza, naghga u hamiem u madwar disghin (90) fenek, rizultanti mill-affidavit tal-konvenuta tat-2 ta' Dicembru 1993. Din il-Qorti thoss li din il-punt gie sodisfacentement ippruvat u ghalhekk din il-Qorti ma thossx li l-istess jistghu jigu inkluzi fil-provvedimenti taghha f'din id-decizjoni.

Illi imbaghad elenkat ukoll:

*"3. Il-flus li l-konvenuta kellha mwarrba d-dar (l-ammont mhux ipprecizat), u l-ammont ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800) li kien f'bearer, liema flus (cioe' ammont mhux ipprecizat) u l-bearer, l-attur ha mieghu meta telaq mid-dar konjugali. Hawn l-esponenti tirrileva li fl-assenza ta' prova konfermatorja li dawn il-mobbli huma parafernali tal-konvenuta, l-presunzjoni hi li huma tal-komunjoni ta' l-akkwisti.*

*4. Life Policy Numru 3502841 u l-House Policy Numru 2HCF/7793352/MJB/6, rizultanti minn Dok.B esebit mill-attur u li qieghed a fol.269 tal-process, pero' ma gewx ezebiti d-dokumenti relattivi u rilevanti."*

Illi l-flus ghandhom jinqasmu nofs b'nofs bejn il-kontendenti. Rigward il-*Life Policy* u l-*House Policy* jinghad li kull beneficcju mill-istess ghandu wkoll jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi dwar depoziti bankarji Dr. Irene Bonello nnutat:

*"5. Dwar depoziti bankarji jirrizulta li*

*Id-dokument immarkat APS8A (a fol.330) li juri li l-ammonti ta' ghaxar liri Maltin u dsatax-il centezmu (Lm10.19) u mija u disgha u sittin liri Maltin u dsatax-il centezmu (Lm169.19) jinsabu rispetivament f'savings account lokali u f'kont kurrenti ma' l-APS Bank Limited, li huma t-tnejn f'isem il-konvenuta u nfethu wara z-zwieg.*

*Inoltre' minn fol.163 Q u fol.164 li huma d-Dok 5 esebit mill-attur u li m'huwiex ikkontestat mill-konvenuta, jirrizulta*

*fl-10 ta' Awissu 1989, il-konvenuta fethet savings account bl-ammont ta' mitt lira Sterlina (100) f'isimha mal-Midland Bank f'Londra. F'dan ir-rigward m'hemmx provi li dan il-kont inghalaq u lanqas hemm provi li jeskludu li l-istess kont jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti."*

Illi dawn id-depoziti bankarji jirrizultaw li jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk ghandhom jinqasmu nofs b'nofs.

Illi ma jirrizultax li l-attur kellu xi mobbli parafernali. Illi minnnaha l-ohra jirrizulta mill-affidavits u mix-xhieda, anke ta' l-istess Henry Spiteri, li Carmen Spiteri kellha mobbli parafernali u dwar dan se jigi pprovdut fil-kawza fl-ismijiet inversi **"Carmen Spiteri vs Henry Spiteri"** (Cit.Nru: 1263/92/RCP) deciza llum stess u l-Qorti tikkonferma l-istess rizultanzi f'din id-decizjoni taghha.

Illi rigward is-sitt talba attrici, Henry Spiteri qed jikkontendi li d-dar konjugali gewwa 227, Bruka Street, Santa Lucia hija proprjeta' parafernali tieghu. Illi hawnhekk *si tratta* dwar l-*utile dominium* perpetwu tal-bicca art tal-kejl ta' cirka sebghin metri kwadri (*70 metres sqared*) li fuqha nbena l-garaxx matul iz-zwieg liema bicca art soggetta ghall-enfitewsi annwa perpetwa ta' tmien liri Maltin (Lm8.00) kienet giet trasferita lill-attur fl-14 ta' Gunju 1998, cjoe` wara z-zwieg tal-kontendenti, mill-Kummissarju ta' l-Art ghan-nom tal-Gvern ta' Malta b'titolu ta' enfitewsi perpetwa (*vide* il-parti relevanti tad-depozizzjoni in ezami tax-xhud Ipefanio Aquilina imsejjah mill-konvenuta fl-udjenza tas-7 ta' Mejju 1997 li tinsab a fol. 380 u 381 u *vide* d-dokumenti a fol. 366 sa 374).

Illi kwantu ghad-dar konjugali jirrizulta mill-provi li fil-perjodu meta l-kontendenti kienu gharajjes u kienu qed jippreparaw ghaz-zwieg, applikaw bhala gharajjes ghal Cens Perpetwu ta' Art ghall-bini tal-Pjan tal-*Home Ownership*. Infatti minn Dok. "CS1" (fol.308) jirrizulta li tali applikazzjoni kienet intiza ghal min ikun gharus tant huwa hekk li fl-imsemmija applikazzjoni riedu jitnizzlu d-dettalji kemm ta' l-gharus kif ukoll ta' l-gharusa u jiffirmaw it-tnejn li huma (fol. 309). In segwitu ghall-istess applikazzjoni, l-

attur fis-6 ta' Ottubru 1976 akkwista minghand il-Kummissarju ta' l-Art (li deher fuq il-kuntratt f'isem il-Gvern ta' Malta) b'titolu ta' enfitewsi perpetwa bicca art *ossia* l-plot 227, Bruka Street, Santa Lucia li dak iz-zmien (kif spjega x-xhud Ipefanio Aquilina imsejjah mill-konvenuta fl-udjenza tas-7 ta' Mejju, 1997) "kien imnizzel Neighbourhood 2, Phase 3, Santa Lucija….".

Illi mix-xhieda ta' l-istess partijiet u anki tal-genituri ta' Carmen Spiteri jirrizulta li l-attur bena l-istess fond pero' dan m'ghamlux wahdu. Carmen Spiteri ghenet kemm fil-bini nnifsu kif ukoll finanzjarjament. Il-Perit Legali ukoll waslet ghal din il-konkluzjoni fir-rapport taghha. Illi ghalhekk, anke *in vista* tal-fatt, li l-applikazzjoni originali biex jiehdu l-art b'cens giet iffirmata mit-tnejn li huma; anke jekk il-koncessjoni saret f'ismu ma jkunx gust li l-mara ma tiehux sehemha. Fuq kollox l-intenzjoni dejjem kienet li l-istess proprjeta' tinxtara ghaz-zewg partijiet, u l-fatt li l-kuntratt deher biss l-attur, ma jbiddel xejn mill-fatt li l-akkwist kien dejjem intenzjonat li jsir miz-zewg partijiet. Ghalhekk il-fond matrimonjali cjoe` l-*utile dominium* ta' l-art in kwistjoni, il-bini nnifsu flimkien mal-garaxx jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi skond l-istima tal-Perit Tekniku David Pace dan il-fond flimkien mal-garaxx gie stmat li jiswa s-somma ta' tnejn u hamsin elf Lira Maltin (Lm52,000). Illi dan il-fond ghandu jinbiegh in subbasta u r-rikavat mill-istess bejgh ghandu jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti. Konsegwenti wkoll ghal dan ghalhekk is-sitt talba attrici ma tistax tintlaqa'.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss fejn l-istess huma inkonstistenti ma' dak hawn deciz u filwaqt li **tichad it-tielet u sitt talba attrici**, **tilqa' *in parte* l-ewwel talba attrici, u tilqa' wkoll it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet attrici** biss fis-sens hawn premess b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali *a menso et thoro* bejn il-kontendenti Henry u Carmen Spiteri b'dan li s-separazzjoni ta' bejn il-kontendenti qed tigi ddikjarata ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet, b'responsabbilta' ndaqs ghal kull parti fejn il-konvenuta kienet hatja verso l-attur ta' adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi, filwaqt li l-attur kien hati verso l-konvenuta ta' sevizzi, eccessi, mohqrja u ngurji gravi, inkluz vjolenza domestika, kawza ta' liema z-zwieg bejn il-kontendenti tkissier irremedjabbilment ghar-ragunijiet imputabbli b'mod ugwali liz-zewg partijiet u wkoll minhabba inkompatibbilta' ta' karattru.

(2) Tawtorizza lill-attur illi jghix separatament mill-konvenuta martu u *vice versa*;

(3) Tichad din it-talba *stante* li jirrizulta li llum l-istess ulied tal-kontendenti Stephen u Mariella huma t-tnejn maggorenni.
(4) Tapplika d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikoli 48** *in toto* bl-applikazzjoni wkoll ta' l-**artikolu 51** ugwalment kontra iz-zewg partijiet;

(5) Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti li ghal dak li jirrigwarda mobbli, tikkonsisti fi Transit Van u karozza Skoda (ma gewx moghtija d-dettalji ghall-identifikazzjoni ta' dawn il-vetturi), zewg *bodies* u zewg muturi ta' Transit Van, dghajsa kbira (ma gewx moghtija d-dettalji ghall-identifikazzjoni tad-dghajsa in kwistjoni), arlogg citizen, apparat tal-*farm*, gageg, *heaters* ghat-trobbija tat-tigieg, sufan u mejda (it-tnejn tal-*living room*), sodod tac-*chipboard* tal-kamra tat-tfal, *main bedroom second hand*, salott *second hand,* ghodda mhux specifikati ghax-xoghol ta' mastrudaxxa u l-oggetti kollha l-ohra hawn isfel indikati wkoll li dwarhom qed jinghataw dawn il-provvedimenti. Ma' dan ghandu jigi nkluz ukoll d-depoziti bankarji u l-poloz ta' assigurazzjoni msemmija, u bhala mmobbli l-fond 227, Bruka Street, Santa Lucija.

Illi minhabba li l-ebda valur ma nghata ghall-ghamara u mobbli l-ohra fuq elenkati sabiex din il-Qorti tkun tista' taqsam b'mod ekwu allura u per konsegwenza tordna u tiddeciedi li dawn l-affarijiet kollha ghandhom jinbieghu lkoll in subbasta u r-rikavat ta' l-istess ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-kontendenti.

Illi d-depoziti bankarji ma' l-APS Bank Ltd u mal-Midland Bank ghandhom jinqasmu minn nofs bejn il-partijiet. *Inoltre* fir-rigward tal-*bearer* li kien jikkonsisti fi tmien mitt Lira Maltija (Lm800) u li l-attur ha mieghu meta telaq mid-dar,  ghandu jrodd lura erba` mitt Lira Maltija (Lm400) lill-attrici bhala sehem l-attrici mill-istess kont u dan kif ser jigi provdut iktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

Illi il-valur u kull beneficcju mill-poloz tal-*Life Policy* u l-*House Policy* indikati fix-xhieda tal-partijiet din il-Qorti tordna li kull valur u beneficcju mill-istess ghandu jinqasam bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

Illi dwar l-fond matrimonjali Nru 227, Bruka Street, Santa Lucia, kif deskritt aktar 'il fuq, dan ukoll jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Illi fir-rigward ta' l-istess din il-Qorti tordna l-bejgh in subbasta ta' l-istess fond u mir-rikavat ta' l-imsemmi fond, l-konvenuta l-ewwel ghandha tiehu l-ammont ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400) dovuta lilha mill-attur kif fuq premess, u s-somma ulterjuri ta' elfejn u erba` mitt Lira Maltija (Lm2,400) rapprezentanti kreditu parafernali tal-konvenuta kontra l-attur, kollox kif gie ndikat fil-kawza fl-ismijiet inversi deciza llum stess, u wara li jsiru l-istess prelevamenti l-ammont bilancjali ghandu jinqasam ukoll bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

Illi jigi dikjarat ukoll li l-konvenuta qed tigi assenjata bhala beni parafernali taghha, z-zewg gradenzi kbar tal-biskuttin, gradenza ohra li kellha l-wicc ta' l-irham (antika), mera *guilded* bi skultura, bjankerija, fajjenza, *washing machine, cooker, fridge,* magna tal-hjata, *dinner set*, vazuni, figurini, tlett sodod antiki, linef tal-kristall, arloggi antiki, deheb u fided.  Illi dan ovvjament, apparti l-kreditu taghha parafernali kontra l-attur ta' elfejn u erba` mitt Lira

Maltija (Lm2,400) li dwaru din il-Qorti gja' pprovdiet aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

(6) Illi s-sitt talba qed tigi michuda anke *in vista* ta' dak fuq indikat.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi *inoltre* minhabba li l-partijiet abbuzaw mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless kemm mill-mod li gew esebiti diversi dokumenti bla bzonn, u bil-mod kif il-partijiet irregolaw il-gbir tal-provi u kif ukoll minhabba n-nuqqas ta' kull parti f'din il-kawza li tressaq il-provi taghha fi zmien ragonevoli u fit-termini ndikati mill-Qorti, tant li jirrizulta mill-verbali quddiem il-Qorti diversament presjeduta, u kif anke rraportat il-Perit Legali lill-istess Qorti, li inzammu diversi seduti izda provi ma tressqux mill-partijiet, b'dan li jirrizulta bla ebda dubju li z-zewg partijiet tawwlu l-proceduri bla bzonn anke minhabba l-pika esagerata taghhom, din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 ta' l-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna lilll-attur ihallas is-somma ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u minn naha l-ohra lill-konvenuta thallas is-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru minn kull parti fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------